MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 1290/2011

**Carmel Cortis (I.D. Nru. 722256 (M))**

**vs**

**Paul Fenech (I.D. Nru. 459165 (M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-27 ta’ Dicembru, 2011;

Rat id-digriet taghha datat id-29 ta’ Dicembru, 2011, fejn provizorjament laqghet it-talba tar-rikorrenti u appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata;

Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Tirrileva li l-intimat Cortis ta ruhu b’notifikat bir-rikors promotur seduta stante;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Jannar, 2012;

Ezaminat id-dokument anness man-nota tar-rikorrentiipprezentata wkoll seduta stante;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikors odjern hu ntiz li jwaqqaf l-izgumbrament ordnat minn qorti superjuri;

Illi jidher li l-vertenza in dizamina originarjament kienet bejn l-intimat Carmel Cortis u certu Paul Fenech li n-negozju li kienu kkonsolidaw bejniethom kien sfaxxa;

Illi jirrizulta mill-istess interventi tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet li din il-qorti diversament preseduta kienet ordnat l-izgumbrament ta' Fenech mill-fond proprjeta` tal-intimat Cortis;

Illi fil-mori tal-appell, l-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jaqblu li l-izgumbrament precedentement ordnat kellu jigi provizorjament esegwit fil-mori tal-istess appell;

Illi din il-procedura hi ghalhekk intiza li ggib fix-xejn l-istess ordni tal-Qorti tal-Appell fuq indikat;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk dak li qed jigi tentat f'din il-procedura hu appell minn qorti tal-appell – haga tant odjuza li l-procedura legali Maltija lanqas biss tikkontempla;

Illi li jirrizulta hu s-segwenti:

1. Illi Cortis gie awtorizzat mill-Qorti tal-Appell biex jizgombra lil Fenech mill-fond meritu tal-proceduri in dizamina;
2. Illi biex jistultifika din l-eventwalita` l-istess Fenech preventivament kera l-istess fond lil terzi estranei biex fl-eventwalita` ta' ordni ta' zgumbrament, dan jirrendieh inoperabbli;

Ikkunsidrat:

Illi manuvri ta' dan it-tip – senjatament li jippruvaw igibu fix-xejn ordnijiet ta' qrati legittimi, mhux biss huma odjuzi, imma ghandhom attivament jigu murija ghal dak li verament huma – cioe`, tentattiv fjakk u mizerabbli biex iwaqqaf l-amministrazzjoni effettiva tal-gustizzja – haga li din il-qorti tistmerr u ma tikkondivix;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, tirrespingi t-talba tar-rikorrenti biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-mandat fuq riferit, u dan bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

_____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------